# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur Dr. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 18 ta' Novembru, 2024

Avviz tat-Talba numru: 254/2023 CL

**Elmo Insurance Limited (C3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Vision Car Leasing Limited u l-istess Vision Car Leasing Limited (C-51153)**

**VERSUS**

**CRG Construction & Turnkey Limited (C80319)**

Ra t-talba li giet ipprezentat fis-27 ta' Lulju 2023 fejn s-socjeta attrici talbet is-somma komplesssiva ta' elfejn u hames mitt euro (€2500) bhala danni li kienet sofrriet s-socjeta rikorrenti Vision Car Leasing Limited assikurata mas-socjeta' rikorrenti Elmo Insurance Ltd (kif jirrizulta mid-dokument anness Dok A) li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' €2,385 bhala indennizz favur l-assikurat taghha, filwaqt illi s-socjeta rikorrenti Vision Car Leasing Limited soffriet danni fl-ammont ta' €115 bhala policy excess u dan in segwitu ghal-incident li sehh fl-10 ta' Jannar 2022 fi Triq Salvu Cauchi, Hal Safi (rapport tal-Pulizija Dok B) meta waqt li s-socjeta rikorrenti Vision Car Leasing Limited kellha l-vettura bin-numru EQZ294 ipparjkata fl-imsemmija triq waqa' hajt ghal fuq l-istess vettura ghal liema hajt is-socjeta konvenuta kienet responsabbli.

Ghaldaqstant talbet sabiex is-socjeta konvenuta tigi iddikjarat unikament responsabbli ghal incident li sehh fl-10 ta' Jannar 2022 fi Triq Salvu Cauchi, Hal-Safi u jikkundannha thallas is-somma komplessiva ta' elfejn u hames mitt euro (€2500) rapprezentanti danni subiti rizultat tal-incident. Bl-isepjjez, komprisi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Lulju 2022 u bl-imghax legali mit 28 ta' Lulju 2022 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra l-verball tat-8 ta' Mejju 2024 fejn minkejja li s-socjeta konvenuta giet nnotifikata ma pprezentatx risposta fiz-zmien moghti lilha bil-ligi u ghalhekk giet iddikjarata illi kienet kontumaci. Fl-istess seduta giet ipprezenta kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta. Fl-24 ta' Gunju 2024, is-socjeta konvenuta ma dehritx, minkejja li kienet msejha ghas-subizzjoni u b'hekk wara li semghet il-provi l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Semghet ix-xhieda ta' Dr. Maria Navarro, rapprezentant tas-socjeta attrici illi xehdet illi l-ammont dovut lis-socjeta attrici kien ta' €2500 u li ma kien sar ebda hlas.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fill-kawza **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** ingahd illi "*ghalkemm il- konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat- tribunal.*[1]"

Fil-kaz prezenti u hekk kif registrat fl-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2024, minkejja li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali, la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-udjenza msemmija li kienet tmiss wara n-notifika lilha ta' l-atti. Tali socjeta konvenuta, ghalhekk, kienet giet dikjarata fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-imsemmija udjenza. Izda ghalkemm kontumacja jehtieg li t-talba tas-socjeta attrici tigi sodisfacentament ipprovata.

Rat illi fl-24 ta' Gunju 2024 xehdet Dr. Maria Navarro li ikkonfermat li l-ammont kien ghadu dovut u ma kienx thallas ebda ammont. Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mis-socjeta attrici, u anke, izda mhux biss, bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal, it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak mitlub mis-socjeta attrici fi procediment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jiddikjara s-socjeta konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti ikkawzati mill-incident u jikkundana lil-istess socjeta konvenuta thallas is-somma komplessiva ta' elfejn u hames mitt euro (€2500) rapprezentanti €2,385 bhala danni li thalsu mis-socjeta attrici u €115 bhala *policy excess* imhallas mis-socjeta Vision Car Leasing Limited. Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax mid-data tas- 27 Lulju 2023[2] sal-hlas shih.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[1] Giuseppe Gerada v. Salvu Attard (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959)
[2] Data tal-kawza odjerna stante li ma gietxipprezentata kopja legali tal-ittra ufficjali,